# FTEHIM
# bejn BirdLife International u FACE
# dwar id-Direttiva 79/409/KEE

Bħala parti mill-Inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Kaċċa Sostenibbli (SHI), u wara għadd ta' laqgħat, FACE (il-Federazzjoni ta' l-Assoċjazzjonijiet għall-Kaċċa u l-Konservazzjoni ta' l-UE) u BirdLife International waslu għal dan il-Ftehim:

1) Iż-żewġ organizzazzjonijiet jagħrfu li d-Direttiva dwar l-Għasafar hija strument legali xieraq għall-konservazzjoni kemm ta' l-għasafar ħielsa (inklużi l-ispeċi li jiġu kkaċċjati u li huma mniżżla fl-Aness II tad-Direttiva dwar l-Għasafar) kif ukoll tal-ħabitats tagħhom f'qagħda favorevoli ta' konservazzjoni fuq il-livell ta' l-UE. Iż-żewġ organizzazzjonijiet jaqblu li l-prijorità hija li d-Direttiva titħaddem skond kif indikat fid-Dokument ta' Gwida dwar il-Kaċċa taħt id-Direttiva 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar.

2) Bħala riżultat tal-Punt 1, l-ebda organizzazzjoni m'għandha l-ħsieb li tieħu jew tappoġġja inizjattivi bil-għan li jiġi emendat it-test tad-Direttiva dwar l-Għasafar. Fuq medda itwal ta' żmien, iż-żewġ organizzazzjonijiet ma jeskludux il-possibbiltà li jkun hemm konsolidazzjoni ta' l-istrumenti legali ta' l-UE għall-konservazzjoni tan-natura, filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji fundamentali tagħhom u mingħajr ma jiddgħajfu d-dispożizzjonijiet attwali tad-Direttiva dwar l-Għasafar.

3) Iż-żewġ organizzazzjonijiet jagħrfu t-tifsira storika u dejjem attwali tal-kompromessi minsuġa fid-Direttiva dwar l-Għasafar f'dak li għandu x'jaqsam mal-kaċċa, u li dawn il-kompromessi huma s-sies li fuqu flimkien jistgħu jġibu 'l quddiem prijoritajiet ta' konservazzjoni strateġika, bħalma huma l-ħidma lejn l-għan li jitrażżan it-tnaqqis fil-bijodiversità sa l-2010, il-ħarsien tas-siti, u r-riforma tal-PAK.

4) Iż-żewġ organizzazzjonijiet jappoġġjaw it-twaqqif tan-Netwerk Natura 2000 u jagħrfu l-importanza tal-ħarsien effettiv tal-ħabitats u tal-ġestjoni attiva għall-konservazzjoni tal-bijodiversità. Iż-żewġ organizzazzjonijiet jisħqu fuq il-fatt li fil-prinċipju l-għażla ta' sit bħala wieħed li jaqa' taħt in-Natura 2000 mhix inkompatibbli mal-kaċċa. Jagħrfu li l-kaċċa ġestita b'mod xieraq fi ħdan siti tan-Natura 2000 tista' tkompli sseħħ sakemm tkun kompatibbli ma' l-għanijiet tal-konservazzjoni tas-sit. F'dan ir-rigward, jirreferu għall-Kapitlu 1.5 "Il-Konservazzjoni tal-Ħabitats" tad-Dokument ta' Gwida.

5) Iż-żewġ organizzazzjonijiet jaqblu li huwa mixtieq li jsiru atti ta' ftehim lokali, reġjonali jew nazzjonali dwar il-kaċċa għall-għasafar, sabiex jinbena djalogu kostruttiv bejn dawk kollha li għandhom interess fuq il-livell lokali, u tinkiseb valutazzjoni razzjonali ta' l-effetti u tal-miżuri li għandhom jittieħdu. L-Imsieħba Nazzjonali jew il-Membri taż-żewġ organizzazzjonijiet jistgħu jaħdmu lejn il-ksib ta' għanijiet aktar ambizzjużi għall-bijodiversità, il-kaċċa sostenibblli u l-konservazzjoni ta' l-għasafar.

6) Iż-żewġ organizzazzjonijiet jaqblu li valutazzjoni razzjonali ta' l-effetti u tal-miżuri, inklużi dawk li se jiġu adottati fil-liġijiet u regoli oħra dwar il-kaċċa, iridu jissejsu fuq it-tagħrif disponibbli li huwa l-aħjar u l-aktar ta' min joqgħod fuqu, speċjalment għall-

popolazzjonijiet ta' l -għasafar u l-attività tal-kaċċa. Jeħtieġ li tinġabar statistika dwar il-qbid u l-qtil, flimkien ma' l-interpretazzjoni xjentifika u l-użu proprju tagħha.

7) Iż-żewġ organizzazzjonijiet isejħu lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiżviluppaw, jadottaw u jimplimentaw il-Pjani ta' Ġestjoni għall-ispeċi ta' Anness II li jitqiesu li jinsabu f'qagħda mhux favorevoli ta' konservazzjoni .

8) Iż-żewġ organizzazzjonijiet isejħu lill-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu inizjattivi xierqa sabiex jiżguraw ir-rispett tal-liġijiet kollha dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar, partikolarment bis-saħħa ta' l-infurzar xieraq iżda wkoll permezz ta' l-edukazzjoni u inizjattivi għat-tqajjim ta' kuxjenza dwar is-suġġett. F'dan ir-rigward, l-organizzazzjonijiet joffru l-għajnuna tagħhom.

9) Iż-żewġ organizzazzjonijiet jitolbu t-tneħħija gradwali ta' l-iskrataċ biċ-ċomb għall-kaċċa fl-artijiet mistagħdra madwar l-UE kollha mill-aktar fis possibbli, u f'kull każ sa mhux aktar tard mis-sena 2009. Jisħqu wkoll fuq ir-riskji marbuta ma' l-introduzzjoni fl-ambjent ta' speċi jew sottospeċi li mhumiex indiġeni.

10) Huwa wkoll miftiehem bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet li jiġi stabbilit djalogu bilaterali regolari għat-tiftix tal-qbil, u għal dak il-għan, li jkun hemm laqgħa għallinqas darbtejn fis-sena, kif ukoll f'kull żmien meta jqisu li huwa importanti jew ta' siwi li jkun hemm laqgħa sabiex jiġi indirizzat suġġett speċifiku. L-organizzazzjonijiet sejrin ukoll ipartu tagħrif, pubblikazzjonijiet eċċ. , se jippromwovu dan il-ftehim fost l-Imsieħba jew il-Membri nazzjonali tagħhom, u sejrin ukoll jikkollaboraw ma' organizzazzjonijiet u korpi relevanti oħra (bħalma huma Wetlands International, IUCN, CIC, ELO, eċċ.).

BirdLife International
Michael Rands
Direttur u Kap Eżekuttiv

FACE
Gilbert de Turckheim
President

Nixtieq nawgura lil Birdlife International u FACE fl-okkażjoni ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim importanti li jien nilqa' bis-sħiħ. Dan il-ftehim ifisser kisba ewlenija ta' l-Inizjattiva għall-Kaċċa Sostenibbli, li l-Kummissjoni ilha tippromwovi għall-aħħar 3 snin. Ix-xogħol kostruttiv u kooperattiv li għamlu ż-żewġ organizzazzjonijiet tagħkom sabiex jintlaħaq dan il-Ftehim importanti huwa apprezzat mis-servizzi kollha kkonċernati tal-Kummissjoni.

Margot Wallström
Kummissarju għall-Ambjent

Brussell, it-12 ta' Ottubru 2004